



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 14 ta' Diċembru 2016
(OR. en)**

**2013/0013 (COD)
LEX 1704**

PE-CONS 47/16

**TRANS 416
CODEC 1611**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI JĦASSAR IR-
REGOLAMENT (KEE) NRU 1192/69 TAL-KUNSILL DWAR REGOLI KOMUNI GĦAN-
NORMALIZZAZZJONI TAL-KONTIJET TA' INTRAPRIŻI TAL-FERROVIJA**

Regolament (UE) 2016/...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

tal-14 ta' Diċembru 2016

li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91 u 109 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 327, 12.11.2013, p. 122.

² ĠU C 356, 5.12.2013, p. 92.

³ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Frar 2014 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-17 ta' Ottubru 2016 (ĠU C 430, 22.11.2016, p. 1). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1192/69¹ jippermetti lill-Istati Membri li jikkompensaw 40 intrapriża ferrovjarja enumerata għall-ħlas ta' obbligi li intrapriżi ta' modi oħra ta' trasport ma għandhomx għalfejn iġarrbuhom. L-applikazzjoni korretta tar-regoli għan-normalizzazzjoni tirriżulta fl-eżenzjoni għal Stati Membri mill-obbligi ta' notifika ta' għajjnuna mill-Istat.
- (2) Sensiela ta' atti legali tal-Unjoni ġew adottati li fetħu għall-kompetizzjoni s-suq tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u dak internazzjonali tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u stabbilixxew, fil-każ tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², ċerti prinċipji fundamentali, li jinkludu li: l-intrapriżi ferrovjarji jkunu mmaniġġjati skont il-prinċipji li japplikaw għall-kumpaniji kummerċjali; li l-entitajiet responsabbli għall-allokkazzjoni ta' kapaċità u l-impożizzjoni ta' tariffi għall-infrastruttura ferrovjarja jkunu separati minn entitajiet li jħaddmu servizzi ferrovjarji, u li għandu jkun hemm separazzjoni tal-kontijiet; li kull intrapriża ferrovjarja mogħtija liċenzja skont il-kriterji tal-Unjoni jrid ikollha aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja fuq bażi ġusta u nondiskriminatorja; u li l-maniġers tal-infrastruttura jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament mill-Istat.
- (3) Ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 huwa inkonsistenti u inkompatibbli ma' miżuri leġislattivi fis-seħħ attwalment. B'mod partikolari, fil-kuntest ta' suq liberalizzat, fejn l-intrapriżi ferrovjarji jikkompetu direttament mal-intrapriżi ferrovjarji enumerati, ma għadux xieraq li daww iż-żewġ gruppi jiġu ttrattati f'mod differenti minn xulxin.

¹ Ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija (ĠU L 156, 28.6.1969, p. 8).

² Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

- (4) Sabiex jiġu eliminati l-inkonsistenzi fl-ordni ġuridika tal-Unjoni u bil-ġħan li jingħata kontribut għas-simplifikazzjoni billi jitneħħa att legali li ma għadux validu, huwa għaldaqstant xieraq li r-Regolament (KEE) Nru 1192/69 jiġihassar.
- (5) L-Istati Membri jistgħu jħallsu kumpens għall-ispejjeż ta' faċilitajiet ta' qsim abbażi tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/34/UE. Huma jistgħu, madankollu, jeħtieġu żmien biex jemendaw il-liġi u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali tagħhom biex jitqies it-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 1192/69. Bħala konsegwenza, dan it-tħassir m'għandux ikollu effett immedjat għal każijiet koperti mill-Anness IV għar-Regolament (KEE) Nru 1192/69,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 huwa mħassar, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament li japplikaw għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet għall-każijiet ta' Klassi IV, koperti mill-Anness IV għal dak ir-Regolament. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jibqgħu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2017.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President